# FRATELLANZI U L-ARTALI TAGĦHOM

B'din il-kitba ser nibdew serje ta' artikoli li fihom nagħtu ħarsa lejn il-fratellanzi mwaqqfin fil-parroċċa ta' l-Isla, l-artali tagħhom fil-knisja, u l-armar li jippossiedu. Artikli simili tas-Sur Carmelo Tabone dehru snin ilu fil-bullettin tal-parroċċa. F'din il-kitba qed nagħmel referenza għall-istess artikli, u għall-kotba ta' l-istorja ta' l-Isla, ta' Patri Alexander Bonnici. Għal dik li hija arġenterija, qed nirreferi għall-katalogu li għamel Dr. Jimmy Farrugia M.D., dwar it-teżori tal-fidda li hawn fil-parroċċa. Dr. Farrugia huwa espert f'din il-materja.

## 1. Fratellanza tar-Rużarju

Ser nibdew bil-fratellanza u l-artal tar-Rużarju, għaliex propju din is-sena din il-fratellanza tagħlaq erba' mitt sena mit-twaqqif tagħha.

Il-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju, l-ewwel li twaqqfet fl-Isla kien fil-knisja tal-Madonna tal-Portu Salvu fit-13 ta' Jannar 1598. Din twaqqfet bl-iskop li jissieħbu fiha baħrin li f'dak iż-żmien kienu numerużi fl-Isla, u ssir ħidma pastorali u soċjali ma' dik is-sezzjoni tal-komunità. Kien żmien it-tieni kappillan Dun Vinċenz Caruana, u twaqqfet bl-approvazzjoni tal-Vigarju Ġenerali ta' l-Ordni tad-Dumnikani, Patri Angelo Tumminello. Fi żmien il-Kappillan Franġisk Azzopardi fis-sena 1666, il-fratellanza, kif ukoll l-artal li kienet tieħu ħsieb ġew trasferiti għall-parroċċa fl-artal li kellu bħala titular it-Trasfigurazzjoni ta' Kristu. B'tifkira ta' dan it-titular kien tpitter inkwadru żgħir tat-Trasfigurazzjoni u tqiegħed fil-parti ta' fuq tal-prospettiva sabiħa li kellu dan l-artal sal-gwerra.



Statwa tal-Madonna tar-Rużarju, xogħol li sar fi Franza fl-1888.

F'nofs is-seklu sbatax, il-fratellanza akkwistat statwa tal-Madonna li bdiet tinġarr fil-purċissjonijiet, u għalhekk saret, wara dik bil-Bambina, l-eqdem purċissjoni fl-Isla li fiha kienet tinġarr vara. Fis-sena 1749 l-iskultur Pietro Felici naqax fl-injam statwa ġdida tal-Madonna tar-Rużarju li però, għal xi raġuni fis-sena 1888 inbidlet ma' dik li hemm illum, li nħadmet fi Franza. Fis-sena 1891 l-istatwa l-qadima ingħatat lill-parroċċa ta' l-Imsida. Fi żmien il-gwerra l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ttieħdet f'Ħal Lija bħala protezzjoni.

Il-kappellun tar-Rużarju intlaqat fl-ewwel attakki mill-ajru f'Jannar 1941, u l-prospettiva sabiħa fi stil barokk b'sitt kolonni u ħafna skultura intilfu mill-ewwel u magħhom intilef ukoll l-inkwadru titulari. L-inkwadru

li naraw illum sar fis-sena 1957 mill-pittur Emvin Cremona, u ħallas għalih l-Isqof Emmanuel Galea li għal bosta snin qabel kien prokuratur ta' l-istess artal. F'dak l-inkwadru minbarra s-soliti figuri tal-Madonna bil-Bambin, San Duminku u Santa Katarina naraw il-figura ta' Malta toffri s-sofferenzi ta' wliedha li batew u mietu jiddefendu 'l arthom, u l-fidi tagħhom. Fl-isfond hemm ukoll imdaħħlin is-santwarji tar-Rużarju ta' Lourdes u ta' Fatima.

F'niċċa taħt l-inkwadru titulari hemm statwa ta' l-injam ta' l-Eċċe Homo maħduma fis-sena 1783 mis-saċerdot Senglean Dun Bert Ellul. Fil-mensa ta' l-artal hemm ippriservati l-fdalijiet ta' San Onoratu, li nġiebet minn Ruma fl-1882.

*Tiżjin u Armar ta' l-Artal*

Dan l-artal jippossiedi ħafna rikkezzi li huma patrimonju miġbur fuq medda ta' ħafna snin.



L-altar ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju kif ikun armat fi żmienna fil-jiem tal-festa.

Sal-gwerra l-artal kellu sett kandlieri kbar ta' l-injam tal-bottega ta' Marjanu Gerada, li iżda ntilfu fil-gwerra. Illum fil-festa jintramaw sett kandlieri tal-metall abjad li sa ftit snin ilu kienu jżejnu l-artal ta' San Ġużepp. Bejn dawn il-kandlieri jintramaw sett statwetti ta' Wistin Camilleri li jirrafiguraw erba' qaddisin Dumnikani li huma San Duminku, San Vincenz Ferreri, Papà San Piju V, u San Pietru Martri. Il-ventartal tal-fidda huwa xogħol li sar madwar mitt sena ilu fuq disinn ta' Giacchino Galea. Fiċ-ċentru tiegħu hemm emblema ta' kuruna rjali fuq imħadda b'kuruna tar-rużarju mdendla magħha. Fl-istess żmien sar ukoll missall tal-fidda, u l-lampier sabiħ li huwa xogħol ta' barra u x'aktarx li sar f'Napli. Aktar antik huwa lampier ieħor, tal-fidda wkoll, li jintuża fil-festi sekondarji. Dan sar aktar minn mitejn sena ilu fi żmien il-Gran Mastru Pinto, u huwa xogħol ta' Malta. Il-karti tal-glorja huma wkoll xogħol ta' artiġjanat Malti maħduma mill-arġentier Paolo Schembri fl-1837. L-artal għandu wkoll sopravalja tal-bellus irrakkmata bid-deheb li saret fis-sena 1985 flok oħra antika li ġarrbet ħafna ħsara fil-gwerra.

Għall-purċissjoni il-fratellanza għandha ħafna armar ukoll. L-istandard irrakkmat għandu lasta u kruċetta tal-fidda ta' l-arġentier Paolo Busuttil tas-sena 1857. Is-surġentina hija tal-fidda wkoll u saret minn Saverio Cannataci fis-sena 1815, u l-medaljun tal-prefett sar fis-sena 1810 xogħol ta' Gio Carlo Cassar, u ħallas għaliha l-fratell Giuseppe Gilbert. Il-vara għandha żewġ raġġieri tal-fidda, waħda għal ras il-Madonna u l-oħra għal ras il-Bambin, xogħol ta' Paolo Busuttil tas-sena 1888.

Sa ftit snin ilu il-purċissjoni bil-Madonna tar-Rużarju kienet issir fl-ewwel Ħadd tax-xahar t'Ottubru, imma f'dawn l-aħħar snin, bdiet issir f'forma ta' pellegrinaġġ devozzjonali fl-ewwel Sibt t'Ottubru.

**Mario Caruana**